A plot of land measuring about 2 square metres, bounded on the East and North East by a road and on the West by property of unknown possessors or more precise boundaries, which land is considered as agricultural land in terms of the Land Acquisition Ordinance and is shown in red and with number 6 on plan P.D. No. 2008_411 and is valued for the price of fifty Euros €50.

Sgd: Michael Schembri, A.&C.E.


29th September, 2008

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fir-Reġistru tal-Artijiet

This is an official document for Land Registry use only [227 - Divizjoni ta' l-Artijiet tal-Gvern]



NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Gvern Ta' Malta — Pjanta tas-sit 1:2500 *Site Plan* — Government of Malta

Reġistru ta' l-Artijiet — **Land Registry**

Casa Bolino, 116 Triq il-Punent, Valletta — *Casa Bolino, 116 West Street, Valletta*

Nru tal-Mappa: *Map Number:* 124427M	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* x = 59470, y = 68526		***Parti minn SS:*** *Extracted from SS:* 5868	Data: *Date:* 17/10/2008	
Perit *Architect:*			Qies (metri kwadri) *Area (square metres)*	Area - 2m².	
Timbru tal-Perit *Architect's Stamp*	Perit Stefan Scotto Estate Management Department		Firma tal-Applikant *Applicant's signature*		
				Dritt Mħallas *Fee Paid*	

Nru. 62

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet tal-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-21 ta' Jannar, 2009

(File No. L 50/80/19)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Illi b'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-13 ta' Marzu 1981 l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-Akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Wied il-Għajn:-

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 8,215-il metru kwadru, li tinkludi bir, spiera u żewġt ikmamar, tmiss mit-Tramuntana, parti ma' triq pubblika u parti ma' proprjetà ta' Anthony Bezzina, mill-Majjistral ma' sqaq u mill-Punent, parti ma' proprjetà ta' Mons. Salvatore Grima u parti ma' proprjetà ta' Leslie Grech jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija bil-kulur aħdar u indikata bħala *plot* 19 fuq il-pjanta L.D. Nru. 69/80/A li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut hu ta' ħamsa u tmenin elf Ewro (€85,000) skont l-istima li hawn ma' din id-dikjarazzjoni kif din saret mill-perit arkitett Carmen V. Sutton, A.&C.E.

No. 62

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

21st January, 2009

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by declaration of the President of Malta dated 13th March 1981 the undermentioned land was declared to be required by the competent authority for a public purpose in terms of the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and that the acquisition thereof was to be by absolute purchase.

Description of the Land

The following land at Marsaskala:-

1. A plot of land measuring about 8,215 square metres, including a well, a water shaft and two rooms, bounded on the North, partly by a public road and partly by property of Anthony Bezzina, on the North West by an alley and on the West, partly by property of Mgr Salvatore Grima and partly by property of Leslie Grech or more precise boundaries.

The abovementioned land is shown in green and shown as plot 19 on plan L.D. No. 69/80/A which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered is eighty-five thousand Euros €85,000, according to the valuation published with this declaration as made by architect Carmen V. Sutton, A.&C.E.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff) Edward Fenech Adami
President
8/1/2009

Din is-site plan qed tiġi ppubblikata f'paġna 569.

Stima tal-Perit (oriġinali bil-Malti)

Art f'Wied il-Għajn

Fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju tal-Artijiet, skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet (għal Skopijiet Pubbliċi) qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta f'Wied il-Għajn, li hi meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li ħadt in konsiderazzjoni l-lokalità, kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur tal-istess proprjetà

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 8,215-il metru kwadru, li tinkludi bir, spiera u żewġt ikmamar, tmiss mit-Tramuntana, parti ma' triq pubblika u parti ma' proprjetà ta' Anthony Bezzina, mill-Majjistral ma' sqaq u mill-Punent, parti ma' proprjetà ta' Mons. Salvatore Grima u parti ma' proprjetà ta' Leslie Grech, liema art hija meqjusa bħala art agrikola fit-termini tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet u hija murija bl-aħdar u bin-numru 19 fuq il-pjanta L.D. Nru. 69/80/A. L-art u l-istrutturi ta' fuqha huma stmati għall-valur ta' ħamsa u tmenin elf Ewro €85,000, skont is-suq tal-proprjetà tal-1 ta' Jannar, 2005.

.....Omissis.....

Ft: Carmen V. Sutton, A.&C.E.

It-12 ta' Diċembru, 2008

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration

(Sgd) Edward Fenech Adami
President
8/1/2009

This site plan is being published on page 569.

Architect's Valuation (original in Maltese)

Land at Marsaskala

I have been instructed by the Commissioner of Land to assess, according to the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, the freehold value of the hereunder described land at Marsaskala, required by Government for a public purpose, after having taken into consideration the locality, as well as other matters which may be relevant to the value of the same property.


A plot of land measuring about 8,215 square metres, including a well, a water shaft and two rooms, bounded on the North partly by a public road and partly by property of Anthony Bezzina, on the North West by an alley and on the West, partly by property of Mgr Salvatore Grima and partly by property of Leslie Grech, which land is considered as agricultural land in terms of the Land Acquisition Ordinance and is shown in green and with number 19 on plan L.D. No. 69/80/A. The land and overlying structures are valued for the price of eighty-five thousand Euros €85,000, according to the property value on the market dated 1st January, 2005.

.....Omissis.....

Sgd: Carmen V. Sutton, A.&C.E.

12th December, 2008

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fir-Reġistru tal-Artijiet This is an official document for Land Registry use only [227 - Diviżjoni ta' l-Artijiet tal-Gvern]



Pjanta tas-sit **1:2500** *Site Plan*

0 m 50 m 100 m 150 m 200 m 250 m

Gvern ta' Malta
Reġistru ta' l-Artijiet
Casa Bolino, 116 Triq il-Punent, Valletta

Government of Malta
Land Registry
Casa Bolino, 116 West Street, Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:*	124514M	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:*	x = 59649 y = 68875	Parti minn SS: *Extracted from SS*	5869 5868	Data: *Date:*	20/10/2008

Perit
Architect:

Timbru tal-Perit
Architect's Stamp

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department

Qies (metri kwadri) *Area (square metres)* Area - Plot A - 8,215m².

Firma tal-Applikant
Applicant's signature

NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

Dritt Mhallas
Fee Paid

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fir-Reġistru tal-Artijiet

Nru. 63

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet tal-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-21 ta' Jannar, 2009

(File No. L 50/80/20)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Illi b'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-13 ta' Marzu 1981 l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-Akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Wied il-Għajn:-

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 5,459 metru kwadru, li tinkludi bir, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Grigal u mil-Lvant ma' triq pubblika u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Carmelo Saliba jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija bil-kulur isfar u indikata bħala *plot* 20 fuq il-pjanta L.D. Nru. 69/80/A li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut hu ta' ħamsa u ħamsin elf Ewro (€55,000) skont l-istima li hawn ma' din id-dikjarazzjoni kif din saret mill-perit arkitett Carmen V. Sutton, A.&C.E.

No. 63

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

21st January, 2009

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by declaration of the President of Malta dated 13th March 1981 the undermentioned land was declared to be required by the competent authority for a public purpose in terms of the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and that the acquisition thereof was to be by absolute purchase.

Description of the Land

The following land at Marsaskala:-

1. A plot of land measuring about 5,459 square metres, including a well, bounded on the North, North East and East by a public road and on the South East by property of Carmelo Saliba or more precise boundaries.

The abovementioned land is shown in yellow and shown as plot 20 on plan L.D. No. 69/80/A which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered is fifty-five thousand Euros €55,000, according to the valuation published with this declaration as made by architect Carmen V. Sutton, A.&C.E.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff) Edward Fenech Adami
President
8/1/2009

Din is-site plan qed tiġi ppubblikata f'paġna 572.

Stima tal-Perit (oriġinali bil-Malti)

Art f'Wied il-Għajn

Fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju tal-Artijiet, skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet (għal Skopijiet Pubbliċi) qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta f'Wied il-Għajn, li hi meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li ħadt in konsiderazzjoni l-lokalità, kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur tal-istess proprjetà.

.....Omissis.....

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 5,459 metru kwadru, li tinkludi bir, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Grigal u mil-Lvant ma' triq pubblika u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Carmelo Saliba, liema art hija meqjusa bħala art agrikola fit-termini tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet u hija murija bl-isfar u bin-numru 20 fuq il-pjanta L.D. Nru. 69/80/A. L-art u l-istrutturi ta' fuqha huma stmati għall-valur ta' ħamsa u ħamsin elf Ewro €55,000, skont is-suq tal-proprjetà tal-1 ta' Jannar, 2005.

Ft: Carmen V. Sutton, A.&C.E.

It-12 ta' Diċembru, 2008

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration

(Sgd) Edward Fenech Adami
President
8/1/2009

This site plan is being published on page 572.

Architect's Valuation (original in Maltese)

Land at Marsaskala

I have been instructed by the Commissioner of Land to assess, according to the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, the freehold value of the hereunder described land at Marsaskala, required by Government for a public purpose, after having taken into consideration the locality, as well as other matters which may be relevant to the value of the same property.


.....Omissis.....

A plot of land measuring about 5,459 square metres, including a well, bounded on the North, North East and East by a public road and on the South East by property of Carmelo Saliba, which land is considered as agricultural land in terms of the Land Acquisition Ordinance and is shown in yellow and with number 20 on plan L.D. No. 69/80/A. The land and overlying structures are valued for the price of fifty-five thousand Euros €55,000, according to the property value on the market dated 1st January, 2005.

Sgd: Carmen V. Sutton, A.&C.E.

12th December, 2008

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fir-Reġistru tal-Artijiet This is an official document for Land Registry use only [227 - Diviżjoni ta' l-Artijiet tal-Gvern]



Pjanta tas-sit **1:2500** *Site Plan*

0 m 50 m 100 m 150 m 200 m 250 m

Gvern ta' Malta
Reġistru ta' l-Artijiet
Casa Bolino, 116 Triq il-Punent, Valletta

Government of Malta
Land Registry
Casa Bolino, 116 West Street, Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:*	124513M	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:*	x = 59649 y = 68875	Parti minn SS: *Extracted from SS*	5869 5868	Data: *Date:*	20/10/2008

Perit
Architect:

Timbru tal-Perit
Architect's Stamp

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department

Qies (metri kwadri)
Area (square metres) Area - 118 20 - 5,458m².

Firma tal-Applikant
Applicant's signature

NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

Dritt Mhallas
Fee Paid

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fir-Reġistru tal-Artijiet

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

97

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-21 ta' Novembru 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba, fit-28 ta' Awwissu 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Anthony Galea ta' Nueva Vida, 28, Triq Lorry Sant, Fgura, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €261.11 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (627/08RFA) hija differita għat-30 ta' Jannar 2009 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 16 ta' Jannar 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 21st November 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 28th August 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Anthony Galea of Nueva Vida, 28, Triq Lorry Sant, Fgura, to pay the plaintiff company the sum of €261.11 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 627/08RFA) is put off on the 30th January 2009 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 16th January 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

98

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fis-16 ta' Jannar 2009 (Rikors numru 5/2009) minn Carmen Theuma et, intalbet l-apertura tas-SUĊĊESSJONI ta' Giorgio Borg, bin il-mejtin Giovanni Borg u Dolores Borg neé Mercieca, imwieled Victoria, Għawdex, fejn miet fis-sitta u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (26/10/2008), intestat, liema apertura għandha ssir a favur ta' ħutu Carmen Theuma, Antonia Bajada, Maria Farrugia, Pawla Xerri u John Theuma li qed jidher għan-nom u in rappreżentanza tal-imsefrin Rita Zammit u Frances Grima fi kwota ta' sesta parti (1/6) kull wieħed u waħda.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Volontarja
Illum 19 ta' Jannar 2009

MAUREEN XUEREB
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT IS hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 16th January 2009 (Application number 5/2009) Carmen Theuma and others requested the opening of the SUCCESSION of Giorgio Borg, son of the late Giovanni Borg and Dolores Borg neé Mercieca, born in Victoria, Gozo where he died on the twenty sixth of October of the year two thousand and eight (26/10/2008), intestate, and which opening of succession is to be made in favour of his sisters Carmen Theuma, Antonia Bajada, Maria Farrugia, Pawla Xerri and John Theuma who is appearing on behalf of Rita Zammit and Frances Grima who live abroad, as to one sixth (1/6) part each.

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Voluntary Jurisdiction
This 19th January 2009

MAUREEN XUEREB
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

99

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' Jannar 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba, fis-17 ta' Novembru 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil JND Pubs Limited (C28792) ta' Heritage Pub, Gandoffi Street, St Paul's Bay u Jamie Paul Frendo (ID267002L) ta' 50, Fooly Foot, Triq Sir Temi Zammit, Mtarfa, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,784.25 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (904/08MK) hija differita għall-4 ta' Frar 2009 fis-1.15 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 19 ta' Jannar 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 8th January 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill Marsa, filed a Claim on the 17th November 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn JND Pubs Limited (C 28792) of Heritage Pub, Gandofli Street, St Paul's Bay and Jamie Paul Frendo (ID 267002L) of 50, Fooly Foot, Triq Sir Temi Zammit, Mtarfa, to pay the plaintiff company the sum of €1,784.25 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 904/08MK) is put off on the 4th February 2009 at 1.15 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th January 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

100

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-8 ta' Jannar 2009, mogħti mill-Qorti tal-Prim Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organiżazzjoni Ċivili (Kap. 12)

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl-24 ta' Novembru, 2008 fuq rikors ta' XUEREB MARISA NOE (KI 408078M) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 22 ta' Jannar, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'AROMAQ INTERNATIONAL, MOSTA TECHNOPARK, MOSTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand MED BROADCASTING EQUIPMENT.

Welding sets, drill machines u xi affarijiet oħra

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 8 ta' Jannar, 2009

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS) MA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 8th January 2009 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 24th November, 2008 on the application of XUEREB MARISA NOE (ID 408078M), Thursday, 22nd January, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at AROMAQ INTERNATIONAL, MOSTA TECHNOPARK, MOSTA of the following items seized from the property of MED BROADCASTING EQUIPMENT.

Welding sets, drilling machines and other items

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 8th January, 2009

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS) MA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

101

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Jannar 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba, fit-28 ta' Awissu 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Dexter Farrugia ta' 48, Gomrisry, Triq il-Kaħwiela, Ħaż-Żabbar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €809.54 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (665/08MK) hija differita għas-6 ta' Frar 2009 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 19 ta' Jannar 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 7th January 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 28th August 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Dexter Farrugia of 48, Gomrisry, Triq il-Kaħwiela, Żabbar, to pay the plaintiff company the sum of €809.54 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 665/08MK) is put off on the 6th February 2009 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 19th January 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

102

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-1 ta' Diċembru 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba, fid-29 ta' Ottubru 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Borg Cold Stores ta' Misraħ il-Biċċerija, Marsa, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €192.34 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (806/08MK) hija differita għat-3 ta' Frar 2009 fis-1.15 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 19 ta' Jannar 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 1st December 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 29th October 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Borg Cold Stores of Misraħ il-Biċċerija, Marsa, to pay the plaintiff company the sum of €192.34 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 806/08MK) is put off on the 3rd February 2009 at 1.15 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 19th January 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

103

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-7 ta' Jannar 2009 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Probe Technologies Limited (C30550) ta' DVM Buildings, 264/265, Fleur de Lys Road, Birkirkara, ippreżentaw talba fid-9 ta' Mejju 2008 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil PBA Ltd (C38972) ta' Block D, Flat 11, The Podium, St Mark's Street, St Julians, sabiex tħallas lis-soċjetà attrici s-somma ta' €4,723.97 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 194/08SM) hija differita għall-4 ta' Frar 2009 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) illum 19 ta' Jannar 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 7th January 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Probe Technologies Limited (C30550) of DVM Buildings, 264/265, Fleur de Lys Road, Birkirkara, filed a Claim on the 9th May 2008, whereby they asked the Court to condemn PBA Ltd (C 38972) of Block D, Flat 11, The Podium, St Mark's Street, St Julians, to pay the plaintiff company the sum of €4,723.97 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interest.

The case (Notice Number 194/08SM) is put off to the 4th February 2009 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 19th January 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

104

B'digriet mogħti fl-10 ta' Jannar 2009, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 172/07 JA, fl-ismijiet Borg Prisicilla vs Zinnedin Samir et, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Bl-istess digriet t'hawn fuq imsemmi mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 172/07 JA, fl-ismijiet Prisicilla Borg vs Samir Zinnedin et, fl-10 ta' Jannar 2009, ir-Rikors Ġuramentat hawn fuq imsemmi numru 172/07 JA, li kien ġie differit SINE DIE, fil-5 ta' Diċembru 2008, reġa ġie riappuntat għas-smigħ għal nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu 2009, fl-9.45 a.m.

Rikorrenti: 84, Triq Annunziata, Ħal Tarxien.

Intimat: 1. Samir Zinnedin- 23, Triq is-Sumien, Safi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ilum 19 ta' Jannar 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 10th January 2009, in the records of the Sworn Application number 172/07 JA, in the names Borg Prisicilla vs Zinnedin Samir et, the Civil Court (Family Section) ordered the following publication for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By the same decree above mentioned the Civil Court (Family Section) in the records of the Sworn Application number 172/07 JA, in the names Priscilla Borg vs Samir Zinnedin et, on the 10 th January 2009, the Sworn Application above mentioned number 172/07 JA, was put off SINE DIE, on the 5th December 2008, was set down again for hearing on the 20th March 2009, was reappointed for hearing on Friday, 20th March 2009, at 9.45 a.m.

Applicant: 84, Annunziata Street, Tarxien.

Respondent: 1. Samir Zinnedin-23, is-Sumien Street, Safi.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 19th January 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*